MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2011

Avviz Numru. 94/2011

**George Baldacchino**

**vs**

**Raymond Sultana**

## Il-Qorti:-

Rat ir-rikors prezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar it-22 ta’ Marzu 2011, permezz ta’ liema l-attur talab lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallsu s-somma ta’ hdax-il elf Ewro (€11,000) rapprezentanti depozitu akkont tal-prezz finali fuq xoghol kommissjonat u illi l-konvenut qatt ma wettaq. Id-depozitu gie mhallas fi tliet pagamenti separati: €5000 nhar is-27 ta’ Ottubru 2009, €5000 nhar it-8 ta’ Dicembru 2009 u €1000 nhar it-8 ta’ Marzu 2010.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficcjali prezentata nhar l-14 ta’ Jannar 2011 ai termini ta’ l-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta fl-ismijiet George Baldacchino vs

Raymond Sultana u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-imsemmija ittra ufficcjali sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li hu ingunt in subizzjoni.

Illi fis-seduta tat-22 ta' Gunju 2011 deher il-konvenut Raymond Sultana w ipprezenta nota ta' ammissjoni ffirmata mill-Prokuratur Legali Victor Bugeja fejn iddikjara li l-konvenut kien qed jammetti t-talba attrici.

Ghaldaqstant il-Qorti ssib li t-talba attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' hdax-il elf Ewro (€11,000) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors promoter, bl-imghaxijiet legali skond il-ligi.**

**Bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------